**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/149/20/S

*Rita u Raymond Muscat*
*vs*
*Franco Camilleri ezerecenti l-kummerc bhala Acomodel Sofa*

Illum, 1 ta'Lulju,2021.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Rita u Raymond Muscat ippreżentata fid-19 t' Ottubru,2020 kif ukoll ir-Risposta ta' Franco Camilleri ezercenti l-kummerc bhala Acomodel Sofa ippreżentata fis-27 ta' Jannar,2021;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2021.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba, l-atturi talbu li l-intimat ikun ikkundannat iħallashom is-somma ta' elf, mitejn u tletin ewros (€1230.00). In sostenn tat-talba tagħhom, l-atturi spjegaw:

-Illi huma xtraw "2 seater electric recliner" li nxtara inqas minn sena qabel minghand l-intimat;

-Illi huma allegaw li l-gnub tas-sufan kien maghmul minn injam ta' kwalita baxxa filwaqt li skont l-intimat, dan sehh minhabba l-umdita li hemm fir-residenza tal-atturi;

-Illi l-prezz tas-sufan imsemmi kien ta' elf, mitejn u tletin ewros (€1230.00);

Illi fir-Risposta tiegħu, l-intimat eċċepixxa:
-Illi kien hemm riha ta' moffa u l-injam kien artab u bil-moffa;

-Illi ghalkemm ipprova jaghmel *brackets* biex jissahhu l-gnub, l-atturi ma halluhomx jaghmlu dan;

-Illi l-intimat sostna li qatt ma kellhom problema simili fis-snin kollha li ilu jopera f'dan is-settur;

*Il-mertu*

Illi dan is-sufan spicca bil-gnub bil-moffa wara ftit in2as minn sena li nxtara;

Illi r-rikorrenti kkontestaw l-allegazzjoni li fid-dar taghhom kien hemm hafna umdita u dan kien li wassal biex il-gnub tas-sufan jitmermru;

Illi min-naha l-oha, partijiet tal-istess sufan ma garrbux l-istess problema;

Illi l-Art. 74(1) tal-Kap. 378 jgħid:

"*Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.*"

Illi l-Art. 74(2) tal-Kap. 378 jgħid li f'każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew "*li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1)*" jew "*jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2)*".

Illi mill-fatti esposti u mix-xhieda relattiva, jidher ċar li l-intimat offra li jsewwi s-sufan billi jaghmel xi *brackets* izda l-atturi oggezzjonaw u waqqfuh;

Illi fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti ma setgħux ma jhallux lill-intimat jipprova jsewwi l-imsemmi sufan. Il-liġi tagħti s-setgħa lill-konsumatur li jagħżel x'rimedju jrid. Fost dawn ir-rimedji, il-liġi tipprovdi fl-Art. 74(2)(b) li l-konsumatur

jingħata tnaqqis addattat fil-prezz. Iżda l-liġi tesiġi wkoll li dan ir-rimedju huwa alternattiv għar-rimedju tat-tiswija jew rimpjazzar. Inoltre, rimedju ta' tnaqqis fil-prezz, min-natura tiegħu stess, jitlob li s-suġġeriment inizjali rigward b'kemm għandu jitnaqqas il-prezz jiġi mill-intimat stess *stante* li kien l-intimat li ddeċieda il-prezz tas-sugan mibjugħ minnu;

Illi għalkemm jinkombi fuq il-konsumatur li jagħżel iridx tiswija jew rimpjazzar jew inkella tnaqqis addattat fil-prezz jew rexxissjoni tal-kuntratt, jidher li l-intimat offra biss ir-rimedju tat-tiswija tramite l-uzu ta' *brackets;*

Illi fil-fehma tat-Tribunal, għalkemm l-intimat aġixxa skont dak li tesiġi l-liġi, huwa xorta waħda għandu jkun dispost li jekk ir-rikorrenti jibqgħu ma jaċċettawx ir-rimedju tat-tiswija, huwa joffri tnaqqis addattat fil-prezz;

Illi rigward l-ammont mitlub mir-rikorrenti, it-Tribunal huwa konvint li l-ammont tal-prezz kollu huwa eċċessiv, speċjalment fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti ma ressqux provi konkreti li l-gnub kienu ta' materjal inferjuri;

Illi t-Tribunal ma jissostitwixxix d-diskrezzjoni tal-intimat biex jigi stabbilit it-tnaqqis xieraq fil-prezz (dejjem jekk ir-rikorrenti jagħżlu dak ir-rimedju partikolari).

*<u>Deċide</u>*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament u fis-sens li jordna lill-intimat sabiex ikun dispost jipprovdi tiswija jew rimpjazzament tal-gnub jew inkella tnaqqis addattat fil-prezz skont dak li jipprovdi l-Art. 74 tal-Kap. 378, b'dan ukoll li l-għażla tar-rimedju tinkombi fuq ir-rikorrenti.

It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru